Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/1770

24.6.2024

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/1770

## tal-24 ta' Ġunju 2024

## dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/512/PESK [1].

(2) Fis-17 ta' Mejju 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1429 [2], li emendat id-Deċiżjoni 2014/512/PESK u introduċiet aktar miżuri restrittivi biex jiġu sospiżi l-attivitajiet tax-xandir fl-Unjoni, jew diretti lejn l-Unjoni, ta' ċerti mezzi tal-media msemmija fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/1429. Skont l-Artikolu 1 ta' dik id-Deċiżjoni, l-applikabbiltà ta' tali miżuri fir-rigward ta' wieħed jew diversi minn dawk il-mezzi tal-media hija soġġetta għal deċiżjoni ulterjuri mill-Kunsill.

(3) Wara li eżamina l-każijiet rispettivi, il-Kunsill ikkonkluda li l-miżuri restrittivi msemmija fl-Artikolu 4g tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK jenħtieġ li japplikaw mill-25 ta' Ġunju 2024 fir-rigward tal-entitajiet kollha msemmija fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/1429,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-miżuri restrittivi msemmija fl-Artikolu 4g tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK għandhom japplikaw mill-25 ta' Ġunju 2024 fir-rigward tal-entitajiet kollha msemmija fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/1429.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-24 ta' Ġunju 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BORRELL FONTELLES

---

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/1429 tas-17 ta' Mejju 2024 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L, 2024/1429, 17.05.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1429/oj).